MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1496/2004

**George Bezzina**

**vs**

**Carmelo Abela**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-23 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' disgha mija u hamsin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm950.95) rapprezentanti t-total ta' spejjez minn nkorsi biex giet imsewwija l-vettura tal-attur wara ncident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Awissu 2003.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ disgha mija u hamsin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm950.95), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------